MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1179/2005

**Il-Qorti**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha s-socjeta attrici ppremettiet illi:

Premess illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 14 ta' Dicembru 1999 in atti n-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon u *sanction letter* datata 13 t'Ottubru 1999 (Dok "A" u Dok "B") is-socjeta' attrici kkoncediet "*Loan*" lis-socjeta' konvenuta, Mandarin Chinese Foods Limited;

Premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta Mandarin Chinese Foods Limited fis-somma ta' sitt elef, tlett mija u erbgha u erbghin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm6,344.44) bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Account*" tas-socjeta' Mandarin Chinese Foods Limited

mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok ‘C1 sa C79’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-17 ta’ Novembru, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

U premess illi permezz tal-kuntratt datat 14 ta’ Dicembru 1999 in atti n-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon u *sanction letter* datata 13 t’Ottubru 1999 fuq imsemmija (Dok ‘A’ u ’B’), il-konvenuti Joseph u Doris mzzewgin Gatt, iggarantew flimkien u ‘*’in solidum”* mas-socjeta’ Mandarin Chinese Foods Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess Mandarin Chinese Foods Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

U peress illi s-socjeta’ konvenuta Mandarin Chinese Foods Limited flimkien ma’ Joseph u Doris mzzewgin Gatt, gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 28 ta’ Gunju 2005 u li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok ‘D’, u Dok ‘E’, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

(1) Tikkundanna lil Mandarin Chinese Foods Limited ma’ Joseph u Doris mizzewgin Gatt, ihallsu flimkien u ‘*in solidum’* bejniethom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef, tlett mija u erbgha u erbghin Liri Maltin (Lm6,344.44) bilanc ghad-debitu fl-‘*’Overdraft Account”* tas-socjeta’ Mandarin Chinese Foods Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok ‘C1 sa C79’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-17 ta’ Novembru, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 28 ta’ Gunju 2005, u tal-Mandati ta’ Qbid u ta’ Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra s-socjeta’ konvenuta, kif ukoll Joseph u Doris mizzewgin Gatt li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni, u minghajr pregudizzju ghal proceduri ohra ntavolati kontra l-istess Joseph u Doris mizewgin Gatt mis-socjeta’ attrici ghal bilanci ohra dovuti minnhom lis-socjeta’ attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol.3 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa’ t-taba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------